**68. L-Onor. Leo Brincat jipproponi dan li ġej:-**

Billi minkejja l-insistenza tal-Gvern Malti biex il-Gvern Ingliż inneħħi l-fdalijiet tal-gwerra fil-portijiet Maltin u madwar Filfla, u dan sa minn qabel ma ntemmet il-bażi militari Ingliża fil-31 ta' Marzu 1979, il-Gvern Ingliż xorta baqa' jirrifjuta li jagħti indikazzjoni ċara tas-sehem u l-isforzi li kien beħsiebu jagħmel sabiex din il-problema tiġi maħlula;

U billi waqt żjara li delegazzjoni parlamentari Ingliża tal-COMMONWEALTH PARLIAMENTARY ASSOCIATION (CPA) immexxija mill-Onor. Hugh Dykes MP għamlet f'Malta bejn is-7 u l-14 ta' Diċembru 1982, id-delegazzjoni Maltija qalet lid-delegazzjoni Ingliża biex din tagħmel l-almu kollu tagħha mas-Segretarju tas-CPA, kif ukoll mal-Gvern Ingliż, sabiex din il-kwestjoni pendenti tiġi solvuta fl-iqsar żmien possibbli;

U billi tul l-istess żjara, in-naħa Maltija kienet uriet id-determinazzjoni tagħha li tikkonsidra serjament jekk għandhiex terġa' ġġedded is-sħubija tagħha fi ħdan is-CPA kemm-il darba dawn l-interventi ma jirnexxilhomx jiksbu suċċess;

U billi l-isforzi tad-delegazzjoni Ingliżi mas-CPA u mal-Gvern Ingliż baqgħu ma taw l-ebda frott;

U billi wieħed mill-għanijiet fundamentali tas-CPA huwa li jinkoraġġixxi ftehim u ko-operazzjoni bejn il-pajjiżi membri tal-Commonwealth;

U billi l-Parlament Malti jħoss li jkun mingħajr ebda skop li jkompli bis-sħubija tiegħu fi ħdan il-Commonwealth Parliamentary Association;

Għalhekk din il-Kamra tirriżolvi li l-Fergħa Maltija tas-CPA taqta' kull irbit ma' l-Assoċjazzjoni ta' Parlamentari mill-Commonwealth, kemm-il darba sal-31 ta' Marzu 1983 ma jkun hemm l-ebda żviluppi ġodda sodisfaċenti li jistgħu jwasslu għal soluzzjoni tal-problema tat-tneħħija tal-fdalijiet tal-bombi mill-portijiet Maltin; u

Din il-Kamra tirriżolvi wkoll illi dan il-Parlament għandu jressaq l-applikazzjoni tiegħu għal sħubija fi ħdan l-INTER-PARLIAMENTARY UNION.

09.03.1983